



C/2024/4309

15.7.2024

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja) fil-
5 ta' April 2024 – Proċeduri kriminali kontra ZZ**

(Kawża C-246/24, Generalstaatsanwaltschaft Frankfurt am Main)

(C/2024/4309)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Frankfurt am Main

Parti fil-proċeduri prinċipali

ZZ

Domandi preliminari

L-esportazzjoni ta' karti tal-flus iddenominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru tkun neċessarja għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jkunu qegħdin jivvjaġġaw lejn ir-Russja, fis-sens tal-Artikolu 5i(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina⁽¹⁾, f'sitwazzjoni fejn dawn il-karti tal-flus ikunu intiżi li jintużaw għal trattamenti mediċi li din il-persuna tkun ser tirċievi fir-Russja (f'dan il-każ, kura dentali, trattament ormonali fi klinika li tipprovdi assistenza għat-tniissil u trattament ta' kontroll sussegwenti għal operazzjoni fuq is-sider fi klinika ta' kirurġija plastika)?

⁽¹⁾ ĠU 2014, L 229, p. 1, rettifikasi fil-ĠU 2014, L 246, p. 59 u fil-ĠU 2022, L 114, p. 214.